MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Numru. 1222/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs.**

**Joseph Aquilina**
**Giuseppe Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Joseph Aquilina**, ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben John u Mary neé Bonnici, imwieled Tas-Sliema nhar is-16 ta' Frar 1957,

residenti gewwa Conception, Triq il-Kappuccini, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 131557(M)

u

**Giuseppe Grech**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, iben Pietro u Teresa neé Taliana, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar it-12 ta' April 1954, residenti gewwa 12, Edera, Triq Dun Gwann Theuma, Attard u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 70408(L),

akkuzati talli:

nhar it-28 ta' Ottubru 2011, f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa l-AirMalta Cargo System, Courier Warehouse li tinsab fit-terminal l-antik tal-Ajruport Internazzjonali, Hal Luqa ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment ta' Haider Ayaz mil-Ingilterra, Michael Mangion minn San Pawl il-Bahar u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 194) datata 30 ta' Lulju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

**fil-konfront ta' Joseph Aquilina:**

(a) fl-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**fil-konfront ta' Giuseppe Grech:**

(a) fl-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 214), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Lulju 2012, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat Joseph Aquilina ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet lill-imputat Giuseppe Grech jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 226), lid-difiza titlob sabiex jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront taz-zewg imputati, liema talba giet milqugha.

Rat li, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, gewipprezentati zewg *Social Inquiry Reports* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 251 *et seq.* u Dok. "AB 2" – *a fol.* 264 *et seq.* ).

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u da parti tad-difiza ghan-nom tal-imputat Giuseppe Grech (*a fol.* 300 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-2 ta' Jannar 2014 tal-imputat Joseph Aquilina (*a fol.* 311 *et seq.*).

Rat ir-Risposta tal-Prosekuzzjoni tal-14 ta' Jannar 2014 ghan-Nota ta' Sottomissjonijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti (*a fol.* 318 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad li f'din il-parti tad-decizjoni ser issir riferenza biss ghax-xiehda saljenti mismugha mill-Qorti.

Illi ghandu jinghad li flimkien maz-zewg imputati fil-kawza odjerna kien tressaq ukoll certu Adrian Caruana li kien ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Keith Arnaud** (*a fol.* 22 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet li saru fir-rigward ta' disa' *mobile phones* tad-ditta *Apple iPhone* 4s, il-valur ta' liema huwa ta' madwar €7,300. Irrizulta li dawn waslu Malta fit-28 ta' Ottubru 2011 u li sal-31 ta' Ottubru 2011 kienu gew attivati erba' minnhom. Dawn kienu qed jintuzaw mis-segwenti: Matthew Busuttil, Denise Grech, Andy Azzopardi u minn persuna ohra. Jghid li Matthew Busuttil jigi n-neputi tal-imputat Joseph Aquilina. Jixhed li Joseph Aquilina kien qallu li kien wiehed mill-FedEx li kien qalilhom biex jaqsmu l-*mobiles* bejniethom. Mid-dar ta' Aquilina, Aquilina ghadda lill-Pulizija zewg *mobile phones* ohra. Fir-rigward ta' Denise Grech, jixhed li hija t-tifla tal-imputat Giuseppe Grech, li jahdem fil-*warehouse* flimkien mal-imputat l-iehor Aquilina. Jispjega li meta marru fid-dar tal-imputat Grech, dan ghaddielhom xi *iPhones*. Fir-rigward tal-*iPhones* l-ohra, dawn instabu go hanut Hal-Qormi fejn irrizulta li kienu gew mibjugha minn Adrian Caruana, impjegat tal-FedEx. Jghid li z-zewg imputati odjerni, Aquilina u Grech, jahdmu fil-*courier warehouse* fl-AirMalta u li skond huma, huma nkarigati mix-xoghol li jigi minn barra biex imbaghad jghadduh lir-rapprezentanti f'Malta, bhal FedEx. Jispjega li d-disa' *mobile phones* gew mghoddija kollha lil Michael Mangion, il-persuna li ghamel ir-rapport. Jghid li vizibilment dawn il-*mobile phones* ma kellhomx hsarat u anqas hsara teknika. Jixhed li l-kaxxa ta' barra ta' uhud mill-*iPhones* kienet intremiet.

L-iSpettur Keith Arnaud rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 153) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PS 1326 Roy Sciberras** (*a fol.* 74 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatta minnu (Dok. "KA 9" – *a fol.* 33 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, xehed **Adrian Caruana** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu relatati mal-kaz odjern liema kaz tieghu gie deciz. Jghid li kien jahdem mal-kumpanija tal-*courier* bl-isem ta' FedEx. Jispjega li f'dan il-kaz partikolari, fuq il-karta tieghu kellu ndikati sittax-il borxa u rrizulta li kien hemm kaxxa ohra li ma kienx fiha l-ebda indikazzjoni minn fejn giet u ghal min hi. Jghid li bhala kaxxa kienet tindika li hija tal-FedEx. Jixhed li fetah il-kaxxa biex jara jekk go fiha kienx hemm xi karta bl-indirizz ghal min hi u sab disa' *iPhones*. Jixhed li ta erba' minnhom lill-imputat Aquilina ghax kien jaf li hu (Caruana) ha din il-kaxxa. Jghid li hadd mill-imputati ma talbu biex jiffirmalhom xi haga li hu (Caruana) kien qed jiehu din il-kaxxa. Jispjega li normalment l-procedura hi li f'kaz simili l-kaxxa jew tithalla fil-gagga tal-AirMalta u terga' tintbaghat lura biex min baghatha jindika minn fejn gejja jew ghand min kienet jew inkella minn naha tal-AirMalta jaghtuhielu, jaghmlu nota li hu ha wahda iktar u mill-kumpanija tieghu jaraw ta' min kienet din il-kaxxa. Jghid li f'dan il-kaz la gara mod u anqas mod iehor.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Michael Mangion** (*a fol.* 92 *et seq.*) li jghid li ghandu negozju ta' hanut tal-*mobiles*. Spjega li ghamel rapport mal-Pulizija wara li rrizulta li d-disa' *iPhones* 4s li kellu jircievi minn barra minn Malta baqghu ma waslux. Mistoqsi dwar il-valur taghhom, jghid li dawn jiswew madwar €700 il-wiehed. Jixhed li l-*iPhones* gew ritornati lura meta nstabu, pero dawn kienu bla kaxxa.

Michael Mangion rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 215 *et seq.*) fejn qal li minn fejn xtara l-*iPhones* huwa persuna Indjana li jghix Londra u li hu (Mangion) hallsu l-Ingilterra. Jghid li jmur hafna drabi l-Ingilterra. Jghid li lill-Indjan hallsu wara certu zmien. Jghid li gew moghtija lilu hames *mobiles* bil-kaxxa u erbgha bla kaxxa. Jghid li ta' bla kaxxa ma setghax ibieghom. Jixhed li huwa tal-fehma li l-*mobiles* in kwistjoni kienu jiswew 700 sterlina il-wiehed.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, xehdet **Michelle Penza** (*Data Request Administrator* – Vodafone – *a fol.* 109 *et seq.*) rigward n-numri tal-IMEI moghtija mill-Pulizija lis-socjeta' li tirraprezenta hija u fejn uhud minnhom gew trakjati u ghand min.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Anthony Bonnici** (*Executive* – Go – *a fol.* 156 *et seq.*) rigward n-numri tal-IMEI moghtija mill-Pulizija lis-socjeta' li jirraprezenta huwa u fejn uhud minnhom gew trakjati u ghand min.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Roderick Seychell** (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn qal li huwa proprjetarju tal-hanut Cellular Tech. Jixhed li kien xtara hames *iPhones* 4s minn ghand Adrian Caruana. Jghid li hadhom jew €380 jew €360 il-wiehed. Jghid li sakemm marru l-Pulizija kien inbiegh wiehed.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 435 David D'Amato** (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn qal li flimkien mal-iSpettur Arnaud kien mara ltaqa' ma' Matthew Busuttil li ammetta li l-*mobile phone* kien tahulu zijuh Joseph Aquilina. Jixhed li wara

sar kuntatt mal-imputat Aquilina, li tahom l-*iPhone* li kien attivat minn Matthew Busuttiol u kif ukoll *iPhone* iehor.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Pierre Attard** (*Manager* Airspread Express li tirraprezenta l-FedEx f'Malta – *a fol.* 166 *et seq.*) fejn spjega x'isir mill-impjegati tal-FedEx meta jigu rcevuti affarijiet minn barra minn Malta. Fir-rigward tal-kaxxa li fiha kien hemm l-*iPhones* mertu ta' din il-kawza jixhed li rrizulta li din il-kaxxa kienet telqet minn Londra pero ma waslitx ghandhom u fl-ufficju taghhom din ma nstabitx. Jghid li xi hadd ismu ma jafux beda jghid li din il-kaxxa kienet waslet Malta.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehdet **Angie Azzopardi** (*a fol.* 202 *et seq.*) fejn qalet li xtrat *iPhone* minn ghand Cellular Tech, f'Hal-Qormi. Tghid li xtratu €800. Tispjega li wara xi gimgha cemplilha l-iSpettur Keith Arnaud u qalilha li kellha l-*mobile* misruq.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Alphonse Cauchi** (*Head of Security – AirMalta - a fol.* 205 *et seq.*) fejn qal li l-imputat Joseph Aquilina huwa *officer* mal-AirMalta li kien *in charge* mill-*courier services* u li l-imputat Grech kien qieghed ukoll il-*courier services* peress li kien ngib mil-Libya fejn kien jahdem minhabba l-gwerra li kien hemm. Ix-xhud spjega x'inhi l-procedura ta' meta jigu rcevuti l-affarijiet minn barra minn Malta u kif jitqassmu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 222 *et seq.*), jghid li iz-zewg imputati jiehdu hsieb il-gagga in kwistjoni u li x-xoghol taghhom huwa li jircievu dawn il-kaxxi u

mbaghad dawn il-kaxxi jigu mghoddija lil *couriers*. Jghid li ttiehdu passi ta' dixxiplina interni gewwa l-AirMalta kontra l-imputati u li l-imputati ma nstabux hatja. Jixhed li Aquilina rtira u li dan kien ilu jahdem mal-AirMalta l-fuq minn tletin sena.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed **l-imputat Giuseppe Grech** (*a fol.* 227 *et seq.*) fejn ikkonferma li ghex principalment il-Libya u li l-Malti tghallmu l-Libya mal-kollegi Maltin li kienu jghixu l-Libya. Jghid li minhabba l-gwerra fil-Libya, ngib jahdem Malta fil-*courier service*. Jghid li qatt ma nghata *training* ghal dan ix-xoghol. Ikkonferma li ttiehditlu stqarrija mill-iSpettur li nqrat lilu u ghamel xi korrezzjonijiet trivjali. Fil-hin li l-imputat Grech kien fuq il-pedana tax-xhieda, giet moqrija lilu mill-konsulent legali tieghu l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija u l-imputat beda jigi mistoqsi mill-konsulent legali jekk hux qed jifhem kollox u huwa wiegeb fl-affermattiv. Jghid li meta Adrian Caruana ghadda l-*mobile phones* lill-imputat Aquilina, hu (Grech) kien barra. Mistoqsi x'ried jghid biha meta l-iSpettur Arnaud qallu li hadd ma jaghti xejn ta' xejn u hu (Grech) qallu *"iva"*, jghid: *"ridt nirreferi ghal proverbju li jghid hadd ma jaghti xejn lil hadd. Bhala proverbju u Adrian qatt ma kelli kuntatt mieghu jigifieri ma kelliex ghaliex noqghod inparla ghax minn Adrian jien ma hadt xejn"* (*a fol.* 236). Mistoqsi rigward il-kaxxi mormija, jghid li hija haga normali li jarmieha l-kaxxa. Jispjega li ghamlu hekk mhux biex hadd ma jarhom ghax fejn jahdmu m'hemm hadd. Mistoqsi jghid jekk lill-iSpettur Arnaud kienx qed jifhmu kontinwament, jghid: *"mhux dejjem, mhux dejjem"* (*a fol.* 238). Jghid li kien ghajjien hafna waqt li kienet qed tigi mehuda l-istqarrija tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li, qabel ittiehdet l-istqarrija, kkonsulta mal-konsulent legali tieghu. Jghid li qabel iffirma l-

istqarrija, din giet moqrija kollha kemm hi lilu. Jghid li waqt li kien qed jixhed fuq il-pedana tax-xhud huwa jhossu aktar rilassat. Jixhed li meta kienet qed tittiehed l-isqarrija fl-ebda hin ma qal lill-Pulizija li kien ghajjien. Jghid li gie li jmur jixtri *mobile* minn ghand tal-hanut u jarmi l-kaxxa ghand tal-hanut stess. Jghid li l-*iPhones* tahomlu l-imputat Aquilina. Jikkonferma li l-imputat Aquilina ma jbieghx *mobiles* u li huwa impjegat bhalu. Jghid li Adrian Caruana qalilhom li l-kaxxa li kellha fiha l-*iPhones* ma kienitx mnizzla fil-lista tieghu.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, xehdet **Annabelle Bugeja** (*a fol.* 249 *et seq.*) fejn ipprezentati zewg *Social Inquiry Reports*: wiehed fil-konfront tal-imputat Joseph Aquilina (Dok. "AB 1" – *a fol.* 251 *et seq.*) u iehor fil-konfront tal-imputat Giuseppe Grech (Dok. "AB 2" – *a fol.* 264 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza z-zewg imputati jinsabu akkuzati li serqu numru ta' *iPhones* 4s flimkien ma' persuna ohra bl-isem ta' Adrian Caruana li ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Irrizulta kif filwaqt li Caruana kien impjegat ma' kumpanija tal-*couriers*, bl-isem ta' FedEx, iz-zewg imputati fil-kawza odjerna kienu fl-impjieg mal-AirMalta.

Illi l-fatti li nstemghu f'dawn il-proceduri huma pjuttost semplici. Irrizulta li certu Michael Mangion kellu jircievi kaxxa b'numru ta' *iPhones* 4s minn Londra li kellhom jaslu f'Malta f'gurnata partikolari u meta ghaddew numru ta' granet wara tali data u rrizulta li l-kaxxa li fiha kien hemm l-*iPhones* kienet telqet minn Londra u baqghet ma waslitx Malta sar rapport

ghand il-Pulizija u bdew l-investigazzjonijiet. Jirrizulta li wiehed mill-*iPhones* nstab ghand in-neputi tal-imputat Aquilina u iehor nstab ghand it-tifla tal-imputat Grech. L-*iPhones* nstabu kollha kemm huma.

**Ikkunsidrat**

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del*

*furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Adrian Caruana, il-persuna li originarjament kien akkuzat maz-zewg imputati fil-kawza odjerna, ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

- Ma gewx segwiti l-proceduri ta' x'ghandu jigri meta tigi rcevuta kaxxa minn barra minn Malta li ma tkunx indikata fil-lista tal-*courier* u li fuqha ma jkunx hemm indikat ghal min hi destinata.

- Il-kaxxa li fiha kien hemm l-*iPhones* infethet, dawn inqasmu bejn iz-zewg imputati fil-kawza odjerna u Adrian Caruana.

- Giet mormija l-kaxxa ta' numru ta' *iPhones*. L-imputat Grech jghid li hija xi haga normali ghalih li jarmi l-kaxxa tal-*mobile* meta jixtri wiehed. Apparti li dan il-kumment wahdu jista' jitqies bhala wiehed veritjier pero meta

jittiehed in konsiderazzjoni mal-fatti l-ohra li rrizultaw fil-kawza odjerna ma jibqghax wiehed kredibbli.

- Ghajr ghaz-zewg imputati fil-kawza odjerna u ghal Adrian Caruana, hadd aktar ma kien jaf li kienu nvoluti fil-qsim tal-*iPhones* li kienu fil-kaxxa in kwistjoni.

- Minkejja li meta Adriana Caruana ghadda l-*mobile phones* lill-imputat Aquilina, l-imputat Grech kien barra, xorta wahda rrizulta pruvat li Grech kien jaf x'qed isir.

- Minkejja wkoll li l-imputat Giuseppe Grech ghex u trabba' l-Libya u jinghad li jista' jaghti l-kaz li ma jesprimix ruhu sew bil-Malti, b'mod specjali meta kienet qed tittiehed l-istqarrija tieghu mill-Ufficjal Prosekutur, irrizulta li huwa jifhem u jitkellem sew il-lingwa Maltija, u dana qieghed jinghad ghax il-Qorti setghet tevalwa d-depozizzjoni tieghu waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda.

- Minkejja li l-imputat Giuseppe Grech xehed li huwa kien ghajjien meta kienet qed tittiehed l-istqarrija tieghu lill-Pulizija, filwaqt li l-Qorti tifhem li meta persuna li tkun qed tigi nterrogata mill-Pulizija ma tkunx f'sitwazzjoni pjacevoli, xorta jibqa' l-fatt li fl-ebda mument tul it-tehid tal-istqarrija tieghu li l-imputat Grech ilmenta mill-fatt li kien ghajjien. F'kaz li verament kien ghajjien, tali fatt ma jnaqqas xejn minn dak li huwa qal lill-Ufficjal Prosekutur.

- Mhijiex skuza plawsibbli li ggib id-difiza ta' Grech meta jinghad li huwa ma kienx inghata *training* appozitu fil-qasam tas-servizzi tal-*courier* meta gie mibghut jahdem Malta minhabba l-gwerra li kien hemm fil-Libya fejn hu kien stazzjonat. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li dak li gara fil-kaz odjern, fejn gie moghti zewg *iPhones*, ma kellux bzonn *training* ghalih ghax hija haga ovvja li f'kaz ta' kaxxa li tkun giet ricevuta minn barra minn Malta u fuqha ma jkunx hemm indikat lil min hi destinata, li tali kaxxa m'ghandhiex tinfetah u l-kontenut taghha jinqasam!!

- Fl-istqarrija (Dok. "KA 10" – *a fol.* 35 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Grech lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li Grech kkonsulta mal-avukat tieghu, Grech qal: *"Adrian ha il-kaxxa lejn l-ufficju tieghu u jien hrigt sa barra u meta dhalt lura l-ufficjju, Joseph qalli li Adrian kien tana zewg mobile phones kull wiehed. Imbaghad nehhejnihom mill-kaxxa, gharmejna il-kaxxa u zammejna il-mobiles. Imbaghad hadthom id-dar u tajthom lit-tifla. Wiehed uzatu u l-iehor kien fil-kexxun mitfi"* (*a fol.* 37). Meta gie mistoqsi jekk hux veru li hu u l-imputat Aquilina ramewx il-kaxxi biex hadd aktar ma jarahom hergin bil-*mobiles* fuqhom, wiegeb fl-affermattiv.

- Fl-istqarrija (Dok. "KA 11" – *a fol.* 39 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Aquilina lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li Aquilina kkonsulta mal-avukat tieghu, Aquilina qal: *"Adrian iffirma ghal dawn il-25 borza u hadhom flimkien ma' din il-kaxxa loose ta' bla dettalji u mar fil-kamra taghhom, fl-ufficcju taghhom u ccekja x-xoghol. Wara ftit hin cempilli l-office taghna u qalli li l-25 borza qablu ezatt mal-manifest u dik il-kaxxa loose ta' bla isem kienet mitlufa ghax l-ebda sinjal tracking ma kellha fuqha. Kif induna li din mitlufa, qalli wkoll "kemm trid erbgha?" u jien ghedtlu li ridt iva"* (*a fol.* 40-41). Mistoqsi ghalxiex kien qed jirreferi, jghid li ghal *mobile phones*. Jghid li zewg *mobile phones* kienu ghalih (Aquilina) u tnejn ohra ghall-imputat Grech. Jghid li hu u Grech remghu l-kaxxi flimkien.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha t'hawn fuq, il-Qorti ma ghad fadlilha xejn aktar xi tghid hlief li jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati giet sodisfacentement pruvata u b'hekk iz-zewg imputati ser jigu misjuba hatja taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputati, is-*social enquiry reports* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 251 *et seq.* u Dok. "AB 2" – *a fol.* 264 *et seq.*) redatti fil-konfront taz-zewg imputati, il-fatt li l-*iPhones* kollha in kwistjoni nstabu u gew ritornati lura lil min kienu destinati (Dok. "KA 14" – *a fol.* 45), l-eta' taz-zewg imputati u l-fedina penali taghhom (Dok. "KA 3" – *a fol.* 11 u Dok. "KA 4" – *a fol.* 12), li hija wahda kompletament nadifa. Il-Qorti taghraf li z-zewg imputati m'humiex xi delinkwenti u taghraf ukoll li huma mhumiex ser jibdew t-triq l-hazina u li zball ta' darba m'ghandhux itappan dak li huma ghamlu tul hajjithom. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in dizamina ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma li l-imputati jigu kkundannati jaghmlu xoghol komunitarju sabiex iroddu lis-soċjeta` dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li għandu jkollha minħabba l-aġir kriminuż tagħhom filwaqt illi l-hatja japprezzaw li ħadd ma jista' jikser il-liġi b'impunita`. Il-Qorti hija tal-fehma li tali piena tkun ferm aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija effettiva u minn dik ta' terminu sospiz ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 30 ta' Lulju 2012 u senjatament Artikoli 261(c), 261(d), 267 u 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati Joseph Aqulina u Giuseppe Grech hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, *a tenur* tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed liz-zewg imputati Joseph Aquilina u Giuseppe Grech taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' fejn huma ghandhom jaghmlu mija u hamsa u ghoxrin (125) siegha xoghol bla hlas fil-komunita' f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficjal tal-

*Probation* u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess Ordni hawn annessi.

Il-Qorti tiddikjara li hija spjegat lill-hatja fi kliem car l-import ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u qaltilhom x'inhuma l-konsegwenzi jekk huma ma' joqghodux ghal kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni u accertat ruhha li l-istess hatja accettaw li joqghodu ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni.

*Ai termini* tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur ghal *Probation Services*.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi din is-sentenza u jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-Servizz fil-Komunita'.

Fl-ahharnett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex *in solidum* bejniethom sa zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' mija u ghaxar Euro u erbgha u hamsin centezmu (€ 110.54) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi ma' dokument mmarkat bhala Dok. "KA 15" (*a fol.* 73).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------